MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-11 ta' Dicembru, 2006

Avviz Numru. 350/2005

**Logix Communications Limited (C18753)**

**Vs**

**James u Graziella konjugi Mangion**

Il-Qorti,

Wara li rat it-talba tas-socjeta’ attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas tas-somma ta’ elfejn hames mija disa’ u sebghin lira u seba’ u ghoxrin centezmu (Lm2,579.27c), liema somma hija dovuta mill-konvenuti skond l-iskrittura (Dok A) datata 29 ta’ Ottubru 2003 li permezz taghha kkostitwew ruhhom garanti solidali u indivizibbli flimkien mas-socjeta’ Autotrader Limited a favur is-socjeta’ attrici, u dana versu l-ammont fuq imsemmi, li gie dikjarat veru, likwidu u dovut.

Il-konvenuti jhallsu wkoll l-imghax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) b'effett mill-1 ta' Gunju 2002, hekk kif stipulat fl-istess skrittura.

Bl-ispejjes, inkluzi dawk tal-mandat ta' qbid u ta' sekwestru kawtelatorju prezentati tal-avviz, kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Wara li rat in-Nota ta' Mistoqsijiet tas-socjeta' attrici sabiex il-konvenuti jwiegbu ghalihom bil-gurament, b'hekk l-istess ammont u spejjes jigu ppruvati (Art 698 u 702 (3) (b) Proc Civili).

Billi ghalkemm notifikati regolarment, il-konvenuti naqsu u ma dehrux fl-4 ta' Dicembru 2006 meta gew prezentati l-kapitoli u lanqas llum, in-Nota tal-Mistoqsijiet tisthoqq li tkun emmnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Tiddeciedi billi tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenuti sabiex jhallsu lis-socjeta' attrici s-somma ta' Lm2579.27c bl-imghax bir-rata ta' tmienja fil-mija (8%) mill-ewwel (1) ta' Gunju 2002 sad-data tal-pagament effettiv u bl-ispejjes inklusi dawk tal-mandat ta' qbid u ta' sekwestru kawtelatorju tad-disgha (9) ta' Gunju 2005, imsemmijin fl-avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------